Malteg / Maltese

**Messaġġ ta' paċi u rieda tajba mingħand ż-żgħażagħ ta' *Wales* u dawk ta' madwar id-dinja kollha.**

*Tick-tock. Tick-tock*. Il-ħin għaddej u wasalna f'salib it-toroq. It-tibdil fil-klima hi problema reali u hemm bżonn li nieħdu azzjoni issa stess!

Jekk l-affarijiet se jibqgħu kif inhuma, sa tlett snin oħra n-*North Pole* mhux se jibqa' jeżisti kif nafuh illum. **Fatt.**

Jekk t-temperatura tad-dinja se titla' b'4ºC oħra, d-deżert tas-*Sahara* se jestendi sa Franza ta' Fuq. **Fatt.**

Kull persuna f'Wales toħloq medja ta' 11-il tunnellata ta' *carbon dioxide* kull sena. **Fatt.**

Kull persuna fil-Kenja toħloq medja ta' 0.2 tunnellati kull sena. **Fatt**.

Ma tistax tgħid li ma kontx taf li qed nużaw wisq *fuels*. Li qed inqaxxru l-minerali minn wiċċ id-dinja. Li qed naħlu u narmu ħafna affarijiet għalxejn. Li qed noqtlu l-pjaneta tagħna.

Il-messaġġ tagħna kien l-istess is-sena l-oħra u s-sena ta' qabel, iżda l-ħin ma jistenna lil ħadd.

Qed nistiednu likom żgħażagħ ta' madwar id-dinja biex tingħaqdu magħna, ż-żgħażagħ minn Wales ħalli niffaċċjaw din ir-realta' u nsemmgħu leħinna. Ejjew inqajmu kuxjenza issa stess dwar dan it-tidbil fil-klima. Nistgħu norbtu fuqkom biex insibu t-triq it-tajba! M'hemmx għalfejn inħarsu lura għal dak li ġara. Dak li kien kien. Illum għandna opportunita' ġdida u għada hu mimli tamiet ġodda.

*Tick-tock. Tick-tock.* Qed tisimgħu l-arloġġ ittektek?

Kitba ta' *Ceredigion Youth Forum*